# Baġit Ambjentali Wkoll!

Jekk dan kienx baġit tajjeb jew le ma hemmx dubju. Issa li kważi għaddiet ġimgħa mit-tħabbir tal-baġit kull min xtaq jgħid tiegħu qalu! U tkellem kullħadd, kullħadd intunat jgħid li dan kien baġit tajjeb… kor sħiħ ta' vuċijiet… vuċi waħda biss kien hemm stunata… dik ta' Alfred Sant, li kien tant prużuntuż u ħareġ iwerżaq waħdu saħansitra qabel tħabbar il-baġit jgħid li dan kien ftit ħafna u tard wisq!

Għal kuntrarju ta' dak li qal Alfred Sant, dan żgur li huwa baġit li ser jibqa jissemma għal miżuri li ġew introdotti favur il-familja fis-sens wisa tagħha; zdied id-dħul għal ħaddiema, *children's allowance* għat-tfal kollha, għajnuna lill-koppji żgħażagħ, għajuna lil-anzjani u lir-romol, jiżdied il-*leave* tal-maternita u fuq kollox tnaqqis sostanzjali fl-*income tax*.

Izda l-baġit kien jikkonsisti minn xita ta' miżuri oħra, u li forsi ftit issemmew minħabba l-importanza ewlenija ta' dawk li ġa semmejt. Fost dawn il-miżuri pożittivi hemm numru ta' miżuri ambjentali. Iva dan kien baġit ambjentali wkoll u zgur li ħadd ma jista jgħid li l-Gvern ser iżid il-flus fil-bwiet tan-nies a skapitu ta' l-ambjent.

Għas-sena 2008, il-Gvern qed jivvota nefqa ambjentali rekord; Lm 84 miljun. Dawn il-flus ser jiġu nvestiti mill-Gvern sabiex aħna lkoll ngħixu aħjar, sabiex għada pitgħada uliedna lkoll jgħixu aħjar. Fost il-mizuri mħabbra fil-baġit insibu:

- Miżuri favur il-wirt naturali ta' pajjiżna.
- Aktar inizjattivi favur ir-rikreazzjoni u l-ħarsien ambjentali b'mod partikolari bit-tħawwil ta' ħafna aktar siġar fil-kampanja 34U.
- Lm5 miljun ivvutati fi spiża kapitali għas-sena 2008 għal-immaniġjar ta l-iskart.
- Ħafna inċentivi favur l-użu ta' enerġija aktar nadifa inkluż aktar inkoraġġiment sabiex jiżdied l-użu ta' *appliances* li jużaw anqas enerġija.

Minbarra hekk il-Gvern qed jippromwovi prattiċi favur l-ambjent anke fil-qasam tal-kostruzzjoni. Għal dan il-għan ser jiġi ntrodott premju għall-bini li l-aktar li jirrispetta l-ambjent. Inizzjattiva sabiħa u żgur li ta' min jinkoraġġiha u jippromoviha. Dan għaliex ammont pjuttost kbir ta' enerġija jinħela sabiex nħossuna aktar komdi fid-djar tagħna, ħafna drabi bl-użu ta' l-arja kkundizjonata. Bi ftit aktar investiment kapitali f'*insulation* tal-binjiet tagħna jistgħu jiġu ffrankati miljuni ta' liri f'dak li għandu x'jaqsam ma konsum ta' elletriku.

U la qed nitkellmu fuq konsum ta' elettriku, xtaqt li nagħmel suġġeriment: Fis-sena 2005 l-MEPA fetħet l-użu tal-bjut tal-proprjetajiet u għalhekk żdiedet il-prattika li, minflok kmamar għall-ħasil, fuq il-bjut jinbnew *penthouses*. Miżura tajba u sostenibbli meta tqis li l-art hi daqstant skarsa f'pajjiżna.

Iżda, għalkemm fuq il-bejt tal-*penthouse* tista tinstalla is-servizzi kollha li tista timmaġina, l-użu ta' dawn il-bjut għal-inxir ta' ħwejjeġ sal-llum hu pprojbit! Dan ma hu qed iħalli l-ebda

alternattiva lil min jgħix f'dawn il-blokok ta' appartamenti ħlief li jixtri u juża *tumble dryer*. Ma hemmx għalfejn nidħol f'dettalji, l-konsum elettriku ta' dawn it-tip ta' *appliances* hu fenomenali. Ninsab konvint li bi ftit tirqim tar-regoli eżistenti tal-MEPA billi jinfetaħ l-użu ristrett tas-soqfa tal-*penhouses* jiġu ffrankati miljuni ta' units ta' elettriku.

F'dan il-baġit il-Gvern wera li hu mpenjat bis-serjeta favur l-ambjent. U għalhekk, suġġerimenti bħal dak li għadni kif għamilt jien, konvint li mhux ser jaqa fuq widnejn torox. Iżda l-Gvern waħdu ma jasalx. Sabiex nirnexxu fl-ambjent hemm bżonn l-impenn kontinwu ta' kull wieħed u waħda minnha. Hemm bżonn li f'kull deċiżjoni li nieħdu, nagħmlu bħal Gvern u npoġġu l-ambjent fuq quddiem nett ta' l-aġenda tagħna.

---

Philip Mifsud
PN Candidate – 7th District